MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2004

Numru 142/2001

Rat l-imputazzjonijiet kontra Henry Fenech ta' karta ta' identita' numru 247681M, akkuzat talli:

F'dawn il-Gzejjer, f'dawn l-ahhar xhur, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmlula b'risoluzzjoni wahda:

a. talli fid-9 ta' Jannar 2001 u/jew fil-jiem ta' qabel u wara din id-data, mill-fond apartament numru 5, Blokk 16, Triq San Bastjan, Rabat, liema fond jappartjeni lill-genituri tal-imsemmi Henry Fenech, ikkommetta serq ta' diversi cekkijiet minn cheque-book tal-HSBC plc, fuq akkont ta' Rosanna Fenech, liema Rosanna Fenech hija omm Henry Fenech, HSBC plc u persuni ohra, liema reat huwa aggravat bil-hin, bil-lok u bil-persuna bi ksur ta' l-Artikolu 270, 269 u 268 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

b. xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxiehom bi ksur ta' l-artikolu 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

c. ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawn l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u cioe' ghamel falsifikazzjoni tal-firem ta' Rosanna Fenech u persuni ohra fuq chekkijiet tal-HSBC plc u banek ohra, fuq akkonti ta' Rosanna Fenech u aktar talli xjentement ghamel uzu mill-istess atti, skritturi jew kitba falza u dan bi ksur ta' l-Artikoli 183 u 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligjiet ta' Malta;

d. b'mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' aktar minn Lm1,000 bi hsara ta' diversi persuni, fosthom Rosanna Fenech, HSBC plc u persuni ohra, bi ksur ta' l-Artikoli 308, 309 u 310(1)tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat generali sabiex il-kawza tinstema' u tigi deciza minn dina l-Qorti, mhux opposta.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

L-imputat jinsab akkuzat ta' serq aggravat u alternattivament b'ricettazzjoni.

Mill-provi jirrizulta minghajr dubbju li l-imputat ikkommetta d-delitt ta' serq aggravat bil-lok u l-persuna a detriment ta' ommu stess li ghandu jinghad hafret lill-imputat, binha.

Ghal dik li hi piena l-Qorti qedghha taqbel perfettament mar-rakkomandazzjonijiet maghmula mill-ufficjal tal-probation u ser taddothom fi shih.

Ghaldaqstant u fil-waqt li tiddikjara l-imputat hati tar-reat ta' serq aggravat izda bil-lok biss u wara li rat l-Artikoli 261(d)(e), 268, 281 tal-Kap 9, tiddecidi li tilliberah billi tadotta kontra tieghu l-Artikolu 7 tal-Kap 446 u tpoggih taht il-harsien ta' ufficjal tal-probation ghall-tlett snin mill-lum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------